# L-ETIKA FIN-NEGOZJU: IT-TIENI KONFERENZA

*Daniel Borg*

Il-Ħamis 20 ta' Ottubru l-Kamra tan-Negozju għal Għawdex f'kollaborazzjoni mad-Djoċesi ta' Għawdex, il-Fondazzjoni Centesimus Annus Pro Pontifice, u l-Bank of Valletta, organizzat it-tieni edizzjoni tal-Konferenza dwar l-Etika fin-Negozju li din is-sena ffokat fuq "L-Iżvilupp u l-Interess Personali". Il-Konferenza saret fis-sala tas-Seminarju Maġġuri fil-Belt Victoria. Il-kelliem prinċipali għal dan l-avveniment kien il-Perit Darmanin f'isem il-Fondazzjoni Centesimus Annus Pro Pontifice. Daniel Darmanin huwa wkoll il-President tal-Kummissjoni Ġustizzja u Paċi. Tkellmu wkoll matul il-konferenza Gordon Cordina, Ċermen tal-Bank of Valletta, Anthony Zammit, rappreżentant tad-Djoċesi ta' Għawdex fuq il-Kummissjoni Interdjoċesana tal-Ambjent, u l-Prof. Simone Borg (l-Ambaxxatriċi ta' Malta għall-Azzjoni fuq il-Klima). Joseph Borg u Daniel Borg, rispettivament President u Kap Eżekuttiv tal-Kamra tan-Negozju għal Għawdex, indirizzaw ukoll l-udjenza. Il-konferenza ġiet magħluqa mill-Isqof ta' Għawdex Anton Teuma.

Fil-bidu tal-konferenza Daniel Borg irrimarka li s-sitwazzjoni tal-ambjent hija tali li rridu naġixxu f'kull livell. Fil-kummenti inizjali Joseph Borg qal li l-Kamra dejjem tkellmet bis-sħiħ fuq is-suġġett tal-iżvilupp u li n-negozju dejjem għandu jkun etiku u jieħu ħsieb l-ambjent ta' madwaru, biex jilħaq il-ġid komuni.

Daniel Darmanin irrifletta fuq l-impatt tal-iżvilupp fuq il-kwalità tal-ħajja; il-bżonn bħala komunità u soċjetà li nirriflettu fuq dak li qed jiġri madwarna; u l-importanza tal-valuri fl-ambjent politiku u dak tan-negozju. Filwaqt li indika li aħna lkoll magħqudin flimkien, u għalhekk kull tip ta' azzjoni li aħna nieħdu hija waħda etika, hu staqsa x'tip ta' valuri qegħdin infittxu.

Dr Gordon Cordina fir-reazzjoni tiegħu qal li jekk nikkollaboraw u nikkoperaw flimkien, aħna effettivament nistgħu niżviluppaw b'mod sostenibbli, mingħajr ma xi ħadd jieħu vantaġġ wieħed fuq l-ieħor. Hu rrimarka li minn perspettiva ta' bank, filwaqt li f'dawn l-aħħar għaxar snin ir-rwol tal-banek kien wieħed kruċjali biex jiġġieled ir-reati finanzjarji, bl-istess mod il-banek se jkollhom rwol kruċjali biex jiżguraw li n-negozji jkunu iktar sostenibbli. Hu indika wkoll li s-sostenibbiltà minnha nfisha se tiftaħ opportunitajiet ekonomiċi ġodda.

Anthony Zammit ikkummenta li mhux kull żvilupp huwa negattiv, u li mhux il-kostruzzjoni kollha jkollha impatt ħażin. Madankollu hemm qbil ġenerali li mhux kollox sejjer tajjeb. Hu rrimarka wkoll li l-problema mhix qiegħda biss fil-kostruzzjoni imma fil-mudell ekonomiku ta' pajjiżna, u li l-irkupru jibda malli wieħed jinduna bil-problema.

Fl-intervent tagħha l-Prof. Simone Borg qalet li aħna qed ngħixu lil hinn mill-mezzi tagħna bil-mod kif aħna qed nużaw ir-riżorsi naturali tagħna. Hi qalet li l-apprezzament tal-valur tal-prodott uniku tagħna jista' jwassal biex aħna nibdew napprezzaw l-ambjent ta' madwarna mhux biss mill-aspett ta' wirt kulturali, imma wkoll ekonomiku, u għalhekk iwassalna biex aħna nħarsuh. Hi tkellmet ukoll dwar il-fatt li n-nuqqas ta' opportunitajiet ta' investiment iwasslu biex dak li jkun jinvesti fil-kostruzzjoni.

Hu u jagħlaq il-konferenza, l-Isqof ta' Għawdex Anton Teuma qal li rridu nieqfu u nirriflettu, għax kulħadd huwa parti mill-problema. Dan għandu jwassal biex nirriflettu fuq ir-responsabbiltà tagħna. Hu rrimarka wkoll li mingħajr formazzjoni ma jistax ikollna għarfien u għalhekk ma nistgħux ninbidlu. Hu qal li kollha kemm aħna rridu nieħdu azzjoni u rrifera għall-frażi tal-Papa Franġisku, li hu uża biex jindirizza liż-żgħażagħ miġburin għal-avveniment dwar l-'Ekonomija ta' Franġisku', li d-dar komuni tagħna qed taqbad issa, u għalhekk jenħtieġ li issa stess nieħdu azzjoni.






Ritratti: CVC Media